# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2001**

**Numru 31**

**Citaz. numru 195/89 DS**

Julian Aquilina u Maria Carmela sive Marika Aquilina
vs
Paul Farrugia

Illum, 9 ta’ Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta’ Marzu 1989 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attur Julian Aquilina huwa s-sid tal-vettura Volks Wagen Golf G.L.D. numru tar-registrazzjoni T-9670, liema vettura gieli halliha f’idejn bintu l-attrici sabiex taghmel uzu minnha;

Illi fil-11 ta’ Novembru, 1987 l-istess attrici harget bil-karrozza imsemmija mal-konvenut Paul Farrugia, u dan waqt li kien qed isuqha habat ma’ vettura ohra stazjonarja, b’mod li kkaguna fuq il-vettura Volks Wagen Golf GLD, propjeta tal-attur, hsara li tammonta ghal sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm615.98,0) kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza minn ghadd ta’ ricevuti;

Illi l-istess konvenut permezz tal-obligazzjoni tieghu tal-21 ta’ Novembru 1987 wieghed u obbliga ruhu li jhallas lill-attur ghad-dannu li kien

ikkagunalu fil-vettura propjeta tieghu, u dan kif jirrizulta mid-Dokument A hawn anness;

Illi l-istess konvenut gie msejjah diversi drabi biex jonera l-obbligazzjoni tieghu u b'hekk ihallas lill-attur, izda dan baqa' inadempjenti;

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-hsara ammontanti fil-vettura Volks Wagen Golf GLD numru tar-registrazzjoni T-9670, li hija propjeta tal-attur Julian Aquilina, tlahhaq l-ammont ta' sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm615.98,0), liema hsara giet kkagunata mill-konvenut Paul Farrugia fl-incident awtomobbilistiku tal-11 ta' Novembru 1987;

2. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm615.98,0) jew somma ohra verjuri kif tkun hekk iddikjarata, flimkien ma spejjez ohra konnessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-8 ta' Frar 1988 u tad-9 ta' Gunju 1988, bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Novembru 1987 u cioe' id-data li fiha saret il-hsara sal-eventwali hlas, kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-kawza hija intempestiva stante li giet mibdija waqt li kien ghadhom qed isiru negozjati.

2. Illi l-istess attrici Marika Aquilina meta kienet taghti l-karrozza lill-konvenut kienet tghidlu li kienet terfa kull responsabilita jekk hu jahbat bl-istess karrozza.

3. Illi l-ammont pretiz mill-attur huwa f'kull kaz ezagerat;

4. Illi Maria Carmela Aquilina ma ghandha tiehu xejn minn ghand l-attur u ghandha tidher bhala konvenuta kjamata fil-kawza u mhux bhala attrici.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata fis-17 ta' Novembru 2000 li permezz taghha ttransigew il-kawza kif gej:

"1. Il-konvenut ghandu jhallas lill-attur l-ammont ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) oltre l-ispejjez tal-kawza come ammessa;
2. Dan il-hlas isir f'pagamenti mensili ta' tletin liri Maltin (Lm30) u minghajr interessi, l-ewwel pagament jithallas illum (cioe` fis-17 ta' Novembru 2000);
3. Il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhom ebda pretensjoni ohra kontra xulxin;
4. Taht dawk il-kondizzjonijiet il-konvenut jammetti t-talbiet kif miftehma f'din in-nota. F'kaz li jonqos il-hlas ta' zewg pagamenti l-ammont isir dovut f'daqqa."

Ghaldaqstant din il-kawza qed tigi deciza a bazi ta' tali transazzjoni li qed tigi inkorporata bhala parti integrali minn din is-sentenza u ghalhekk:

Fuq l-ammissjoni tal-konvenut (1) tiddikjara li l-hsara fil-vettura Volkswagen Golf GLD numru T-9670 giet kagunata mill-istess konvenut, u (2) tikkundannah ihallas lill-attur is-somma miftehma u ammessa mill-istess konvenut ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) bil-modalita` u taht il-kondizzjonijiet miftehma fl-imsemmija transazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur